MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta ta' l-24 ta' Frar, 2005

Citazzjoni Numru. 454/1992/2

**A**

**vs**

**B**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici datata 27 ta' April 1992 a fol. 1 tal-process fejn gie premess:-

Illi l-hajja konjugali bejn il-kontendenti m'ghadhiex aktar possibbli billi l-konvenut irrenda ruhhu hati lejn l-attrici ta' ingurji gravi, eccessi, mohqrija, theddid u abbandun, *oltre* li z-zwieg ta' bejniethom tkisser irremedjabilment;

Illi b'digriet tal-Qorti Sekond' Awla tat-30 ta' Marzu 1992 l-attrici giet awtorizzata tipprocedi ghas-separazzjoni personali minn mal-konvenut zewgha;

Illi, l-istess attrici talbet lil din il-Qorti sabiex ghar-ragunijiet premessi:-

1. Tippronunzja bejn il-kontendenti s-separazzjoni personali minhabba htija jew htijiet tal-konvenut u tawtorizza lill-attrici tghix separata minn zewgha;

2. Tapplika interament jew *in parte* d-disposizzjonijiet taht l-**artikolu 48 u 50 tal-Kodici Civili** in kwantu applikabbli ghall-kaz;

3. Tillikwida l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-konjugi u tiddividi u tassenja l-istess skond kif dina l-Qorti jidhrilha hekk xieraq fic-cirkostanzi tal-kaz;

4. Tikkundana lill-konvenut jissoministra ghalilha dik ir-retta alimentarja li tigi stabbilita minn dina l-Qorti u bil-modalitajiet opportuni;

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-proceduri quddiem is-Sekond' Awla ta' din il-Qorti u r-rikors taht l-kontra l-**artikolu 470A Kodici** Civili, u tal-mandati ta' Sekwestru u ta' l-Impediment ta' Safar tal-Persuna kontra l-konvenut ingunt minn issa ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici, il-lista tax-xhieda u l-elenku tad-dokumenti a fol. 3 u 4 tal-process;

Rat id-dokumenti esebiti nkluz id-Digriet tas-Sekond' Awla tal-Qorti Civili presjeduta mill-Onorevoli Imhallef Victor Caruana Colombo datat 30 ta' Marzu 1992 fejn l-attrici nghatat Lm60 manteniment fil-gimgha.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut B datata 17 ta' Gunju 1992 a fol. 11 tal-process fejn eccipixxa bir-rispett:-

1. Illi t-talbiet tal-attrici ghandhom jigu respinti bl-ispejjez peress illi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt billi hi l-

istess attrici li hi l-kagun tad-disgwid matrimonjali *de quo;* fil-fatt hija persuna nsopportabbli u l-agir taghha wassal sabiex ommha, l-uniku huha, uliedha u zewgha ggieldu maghha ghaliex ma felhux ghaliha aktar;

2. Illi salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut B u l-lista tax-xhieda minn fol. 11 sa fol. 13 tal-process.

Rat il-verbal quddiem din il-Qorti diversament presjeduta datat 26 ta’ Gunju 1992 a fol. 14 tal-process fejn il-partijiet flimkien mad-difensuri taghhom infurmaw lil Qorti li fil-komunjoni hemm beni immobljari sostanzjali u ghalhekk ikun aktar difficli biex il-partijiet jaslu ghal separazzjoni u ghalhekk ikun opportun li f’ dan l-istadju jigi nominat perit tekniku biex jipprepara stima tal-beni u fil-kaz li jigi mitlub mill-partijiet jipprepara pjan ta’ divizjoni. Ghal dan l-iskop gie nominat il-Perit Tekniku M. A. Refalo. Il-partijiet obligaw ruhhom ukoll li jipprezentaw affidavit dettaljat kemm tal-partijiet u kemm tax-xhieda minnhom indikati. Il-partijiet ghamlu referenza ghal kawza fl-ismijiet inversi **Cit. Nru. 414/92** u jaqblu li l-provi kollha li jingabru f’ din il-kawza **Cit. Nru. 454/92** jkunu applikabbli wkoll ghall-kawza l-ohra **Cit. Nru. 414/92.**

Rat il-verbal datat 13 ta’ Novembru 1992, fejn Dr. Sicberras ghall-attrici obbliga ruhhu li jipprezenta affidavit dettaljat tal-attrici u tal-persuni l-ohra minnha ndikati. Id-difensuri tal-partijiet spjegaw li kien hemm disgwid dwar il-kosistenza tal-beni mmobiljari u ghalhekk il-perit tekniku kien waqaf mill-inkargiu tieghu. L-avukati difensuri jimpenjaw ruhhom illi jippreparaw lista ta’ dawn l-istess beni u li dwarhom m’ hemmx kontroversja biex il-perit tekniku jghaddi ghal istmi relattivi.

Rat il-verbali datati 2 ta’ Frar 1993 fejn il-partijiet qabblu li l-provi li jsiru f’kawza jaghmlu stat fil-kawza l-ohra u vice versa, tat-23 ta’ Marzu 1993 u 26 ta’ Mejju 1993.

Rat il-verbal datat 8 ta' Ottubru 1993, fejn il-Qorti rrilevat li l-Perit Tekniku kien prezenta r-rapport tieghu fil-kawza fl-ismijiet inversi.

Rat il-verbal datat 23 ta' Novembru 1993.

Rat ir-rikors tal-attrici datat 25 ta' Novembru 1993, a fol. 23 fejn talbet bir-rispett li f' kull kaz din il-Qorti tirrevoka *contrario imperio* d-digriet li bih hatret lill-Perit Tekniku f' din il-kawza u invece tapprova d-digriet tan-nomina fil-kawza bic-**Cit. Nru 414/92** fl-ismijiet inversi kif hekk logikament kellu jkun il-kaz mill-bidunett.

Rat id-digriet datat 18 ta' Jannar 1994, fejn il-Qorti cahdet it-talba w ordnat li l-ispejjez tar-rapport jigu mhallsa minn B u mhux minn martu.

Rat il-verbali datati 7 ta' Dicembru 1993, 1 ta' Marzu 1994, 23 ta' Marzu 1994 u 4 ta' Mejju 1994.

Rat il-verbal datat 3 ta' Gunju 1994, fejn il-Qorti rrilevat li l-kawza tista' tkun twila hafna. Il-Qorti nominat lil Dr. Joseph Micallef Stafrace bhala Perit Legali.

Rat il-verbal datat 17 ta' Gunju 1994.

Rat il-verbal datat 9 ta' Novembru 1994, fejn il-Qorti ghamlet referenza ghar-rikors tal-konvenut tat-22 ta' Gunju 1994 dwar is-sotituzzjoni tal-Perit Legali. B'dan il-Qorti sostitwit lil Dr. Joseph Micallef Stafrace b'Dr. Miriam Hayman.

Rat il-verbali datati 24 ta' Jannar 1995 u 31 ta' Jannar 1995.

Rat ir-rikors tal-attrici datat 20 ta' Frar 1995, a fol. 36, fejn talbet bir-rispett sabiex din il-Qorti mhux biss tidderiegi lill-konvenut biex ihallas l-alimenti izda wkoll li tawmenta l-istess rata ta' alimenti tenut rigward tal-varjabilita' tal-bzonn taghha u tas-sitwazzjoni ekonomika miljorata ta' zewgha.

Rat id-digriet datat 28 ta' Frar 1995, fejn il-Qorti ordnat in-notifika tal-kontro-parti bi zmien sitt (6) ghar-risposta.

Rat ir-risposta tal-konvenut datata 9 ta' Marzu 1995, a fol. 39.

Rat id-digriet datat 20 ta' Frar 1995, fejn il-Qorti konfermat l-ordni taghha li l-konvenut ghandu jhallas l-ammont debitament u qabel ma jkun hemm varjazzjoni mill-Qorti ma ghandu l-ebda raguni li jonqos minn dan il-pagament u twissih bil-konsegwenzi li l-allegat nuqqas ikollu fuq l-ezitu tal-vertenza. Il-Qorti rriservat li tipprovdi ulterjorament fl-udjenza li jmiss wara li jigi trattat l-istess rikors.

Rat il-verbal datat 5 ta' April 1995, fejn il-kawza thalliet biex jingabru l-provi dwar ir-rikors datat 20 ta' Frar 1995.

Rat il-verbal datat 6 ta' Gunju 1995, fejn il-Qorti giet infurmata li s-seduti ma kienux inzammu minhabba indisposizzjoni tal-Perit Legali. Xehdu l-attrici u l-konvenut minn jeddhom u bil-gurament.

Rat ix-xhieda tal-attrici minn fol. 43 sa fol. 45.

Rat ix-xhieda tal-konvenut minn fol. 46 sa fol. 48.

Rat il-verbal datat 28 ta' Gunju 1995, fejn il-Qorti giet infurmata li ma kienx intlahaq ftehim ghal divizzjoni tal-propjetajiet u illi kienet inzammet seduta wahda. Il-Qorti rriservat li tipprovdi kameralment dwar ir-rikors tal-attrici dwar il-manteniment datat 20 ta' Frar 1995.

Rat ir-rikors tal-attrici datat 16 ta' Ottubru 1995, fejn talbet bir-rispett lil din il-Qorti tordna lill-konvenut ihallas almenu l-manteniment iddekretat mis-Sekond' Awla ta' sittin Lira Maltin (Lm 60) fil-gimgha.

Rat id-digriet datat 18 ta' Ottubru 1995, fejn il-Qorti ordnat lir-rikorrenti tipprezenta dikjarazzjoni guramentata fejn telenka dettaljatament il-beni tal-intimat u l-introjtu li jippercepixxi u f' kull kaz tiddikjara meta inzammet l-ahhar

seduta u jekk fadlilhiex provi ohra xi tressaq u jekk iva telleknkahom u bl-iskop tal-prova.

Rat il-verbal datat 15 ta’ Novembru 1995, fejn il-partijiet qablu illi l-attrici tnehhi l-Mandat ta’ Sekwestru kontra l-konvenut u l-konvenut jirresumi l-hlas tal-manteniment lill-attrici bi tlett (3) xhur bil-quddiem malli jitnehhew l-mandati, u l-attrici tobbliga ruhha li ma tergax tipprezenta mandati simili. Il-partijiet ghamlu wkoll referenza ghall-ammonti depositati wara sekwestri li kienu inhargu mill-attrici u qablu li dawn jigu konguntivament irtirati u mir-rikavat l-attrici tiehu s-somma ta’ tlett elef u tmin mitt Lira Maltin (Lm3,800) jew ammont verjuri skond taxxa mahruga mill-Qorti fil-kawzi bejn il-partijiet u dak li jibqa’ jigi moghti lill-konvenut. Dan l-arrangament sar bla pregudizzju ghall-konteggi finali.

Rat il-verbali tas-seduti quddiem din il-Qorti diversament presjeduta datati 26 ta’ Marzu 1996, 17 ta’ April 1996, 14 ta’ Mejju 1996, 4 ta’ Gunju 1996, 5 ta’ Lulju 1996, 13 ta’ Novembru 1996, 15 ta’ Jannar 1997, 5 ta’ Marzu 1997 u 23 ta’ April 1997.

Rat il-verbal datat 11 ta’ Gunju 1997, fejn il-Perit Legali nfurmat lil Qorti li l-Perit Tekniku kien zamm access u wasal biex jirrelata.

Rat il-verbali datati 2 ta’ Lulju 1997 u 29 ta’ Ottubru 1997.

Rat ir-rikors tal-attrici datat 10 ta’ Gunju 1997, a fol. 66 fejn talbet bir-rispett awment konsiderevoli fl-alimentri.

Rat id-digriet a fol. 66a, fejn il-Qorti riservat li tipprovdi ulterjorment wara li r-rikorrenti tippresenta nota u prospett dettaljat konfermat bil-gurament dwar il-kambjament fic-cirkostanzi taz-zewg partijiet.

Rat ir-risposta tal-konvenut B ghar-rikors tal-attrici datat 10 ta’ Gunju 1997 a fol. 66b.

Rat ir-rikors tal-attrici A datat 10 ta’ Ottubru 1997 a fol. 66c, fejn talbet umilment lil din il-Qorti joghgobha

tawtorizza li s-somma ta' hamest elef mitejn hamsa u ghoxrin Lira Maltin (Lm 5,225) jigu sekwestrati f' idejn l-Accountant General u tithallas lir-rikorrenti s-sehem taghha mill-komunjoni tal-akkwisti.

Rat id-digriet datat 14 ta' Ottubru 1997, a fol. 66d, fejn giet ordnata n-notifikat tal-kontro-parti bi zmien sitt (6) ijiem ghar-risposta.

Rat ir-risposta tal-konvenut B ghar-rikors tal-attrici datat 10 ta' Ottubru 1997 minn fol. 66e sa fol. 66h.

Rat il-verbali datati 19 ta' Novembru 1997, 21 ta' Jannar 1998, 18 ta' Frar 1998, 29 ta' April 1998, 10 ta' Gunju 1998, 7 ta' Ottubru 1998 u 25 ta' Novembru 1998.
Rat in-nota tal-konvenut B datata 30 ta' Novembru 1998, a fol. 74 li permezz taghha dokumenti li juru d-dhul tieghu bejn is-sena 1992 sas-sena 1997 tali dokumenti esebiti minn fol. 74 sa fol. 210 tal-process.

Rat il-verbal datat 15 ta' Jannar 1999, fejn il-Qorti ghamlet referenza ghan-nota prezentata mill-konvenut fit-30 ta' Novembru 1998 bid-dokumenti annessi. Il-Qorti awtorizzat lill-kontendenti jipprezentaw id-dokumenti kollha li ghandhom u noti bis-sottomissjonijiet finali fi zmien xahar u wara tali terminu l-Perit Legali giet awtorizzata tirrelata.

Rat il-verbali datati 3 ta' Marzu 1999 u 12 ta' Mejju 1999.

Rat ir-rikors tal-kontendenti datat 23 ta' April 1999, fejn talbu bir-rispett kollu illi din l-Onorabbli Qorti joghgobha tawtorizzhom jikkonkludu l-ftehim li lahqu bejniethom billi jersqu ghall-pubblikazzjoni tal-kuntratt pubbliku inkorporat fl-annessa minuta.

Rat in-nota tal-konvenut datata 26 ta' Mejju 1999, a fol. 216 li permezz taghha hu u l-attrici prezentaw l-abozzi tal-kuntratti li permezz taghhom kienu ser jittrasferu assi tal-komunjoni lil terzi.

Rat il-verbal datat 28 ta' Mejju 1999, fejn il-partijiet u d-difensuri ftehmu li jxolju u jitterminaw il-komunjoni tal-akkwisti ta' bejn il-partijiet skond il-minuta li qed tigi sottomessa ghal awtorizzazzjoni tal-Qorti b'dan illi mat-terminazzjoni tal-komunjoni jieqaf l-ghoti tal-manteniment mir-ragel ghall-mara u l-mara tibda tipprecepixxi hi d-dhul tal-parafernali taghha, u dak li jibqa' li jrid jigi deciz mill-Qorti hu l-qsim tal-pensjoni u tal-effetti mobbli li jibqa'. Il-Qorti rat ir-rikors kongunt tat-23 ta' April 1999 u semghet lid-difensuri. Il-Qorti laqghat it-talba w awtorizzat il-pubblikazzjoni tal-att relattiv u awtorizzathom jirtiraw il-minuti annessi man-nota tas-26 ta' Mejju 1999.

Rat il-kuntratt datat l-1 ta' Gunju 1999 a fol. 222 sa 225 tal-process.

Rat il-verbal datat 30 ta' Gunju 1999, fejn Dr. Karmenu Mifsud Bonnici li esebixxa kopja tal-kuntratt tal-1 ta' Gunju 1999 u rrileva li kien jirrigwarda x-xoljiment tal-komunjomi tal-akkwisti u d-divizjoni tal-effetti immobbli tal-komunjoni u ssottometta li kien fadal l-introjtu tal-proprjeta' parafernali mill-1992 'il quddiem, is-sehem tal-mara miz-zewg pensjonijiet li ghandu r-ragel, is-sehem tal-mara mill-paga mill-1991 sal-1997, is-sehem spettanti lill-mara mis-somma tat-tezor li ghandu jiehu l-konvenut fit-tmiem tal-impjieg u s-sehem tal-mara minn tmient elef (Lm8000), is-sehem tal-mara minn elf Lira Maltin (Lm 1000) depositati fil-Bank Valletta, is-sehem tal-mara mill-insurance ta' ghaxart elef Lira Maltin (Lm 10,000) li ghadha *in vigore,* sehmha mill-ghamara fil-pussess tal-attrici, sehemha minn tlett (3) vetturi proprjeta' tal-kontendenti sehemha minn zbank li sar mir-ragel mill-Bank of Valletta ta' ghaxart elef seba' mija wiehed u tlettin Lira Maltin (Lm 10,731) fl-1991 u s-sehem taghha mic-cekk ta' seba' mija u sittin lira Maltin (Lm 760) fuq il-Mid-Med Bank payer Bartolo u premia ta' elfejn Lira Maltin (Lm2,000) li ha r-ragel fuq hanut ta' 3 Manuel Dimech Street, Sliema u premium ta' elf u seba' mitt Lira Maltin (Lm 1,700) fuq tlett hwienet f' West Street, Msida, sehemha minn kreditu insinwat ta' sittax-il elef Lira Maltin (Lm 16,000) dovuti minn Joseph Doublesin. Dr. Lofaro ghall-konvenut ikkonferma li kien

hemm qbil dwar bosta mill-punti sollevati u l-konvenut kien ser izid xi punti ohra fuq il-materja.

Rat in-nota tal-attrici A datata 30 ta’ Gunju 1999, a fol. 221 li permezz taghha esebit kopja tal-kuntratt tas-separazzjoni tal-beni immobbli tal-komunjoni tal-akkwisti u tax-xoljiment tal-komunjoni tal-akkwisti.

Rat il-verbal datat 6 ta’ Ottubru 1999, fejn Dr. Pierre Lofaro b’referenza ghal ahhar verbal prezenta nota fejn indika fejn kien hemm qbil u fejn ma kienx hemm u seduta *stante* ghadda kopja lill-attrici.

Rat in-nota tal-konvenut B datata 6 ta’ Ottubru 1999 minn fol. 227 sa fol. 229.

Rat il-verbal datat 1 ta’ Dicembru 1999, fejn il-kawza giet differita ghas-sentenza bil-fakolta’ lill-attrici li tipprezenta nota ta’ sottomissjonijiet.

Rat ir-rikors tal-attrici datat 5 ta’ Jannar 2000, a fol. 231, fejn peress li Dr. Joseph Micallef Stafrace huwa msemmi bhala Perit Legali fil-verbal datat 1 ta’ Dicembru 1999 u peress li dan la huwa mdahhal fil-kawza u lanqas Perit Legali, hija talbet bir-rispett lil din il-Qorti biex ssir id-debita’ precizazjoni.

Rat il-verbal datat 3 ta’ Marzu 2000, fejn peress li l-Qorti ma haditx konjizzjoni tan-nota li A ddikjarat li prezentat il-kawza giet differita.

Rat il-verbal ta’ din il-Qorti diversament presjeduta datat 10 ta’ Mejju 2000, fejn Dr. Karmenu Mifsud Bonnici ghall-attrici prezenta nota risponsiva ghal dik ta’ B. Il-Qorti wara li rat l-imsemmija noti u l-voluminozita’ taghhom u anke’ l-komplessita’ tar-referenzi li saru fihom, innominat lil Dr. Peter Fenech biex jezamina l-istess noti fid-dawl tal-atti tal-kawza u jipprezenta rapport dwar it-talbiet relattivi ghall-assi in kwistjoni. Il-Qorti rrilevat li t-tlett kawzi bejn il-kontendenti li jgibu n-numri 414/92, 454/92 u 513/92 qed jinstemghu flimkien u l-provi li jingabru f’ kull wahda minnhom huma applikabbli f’ kull kawza ghalkemm din in-

nomina qed issir f' din il-kawza odjerna 454/92. Dr. Karmenu Mifsud Bonnici rrileva li hemm verbali tas-seduti mizmuma mill-allura Perit Legali Magistrat Dr. Myriam Hayman u anke dokumenti ezebiti quddiemha.

Rat il-verbal datat 28 ta' Gunju 2000, fejn il-konvenut informa lil Qorti li kienet inzammet seduta u l-Espert Legali kien ta lill-attrici sad-9 ta' Lulju 2000 biex tipprezenta nota u terminu qasir lill-konvenut biex jirrispondi.

Rat il-verbal datat 3 ta' Novembru 2000, fejn il-Perit Legali informa lil Qorti li anke f'dan l-istadju inoltrat, il-partijiet talbu li jressqu provi ulterjuri izda jkun opportun li qabel dan issir, ikun ha konjizzjoni tad-dokumenti voluminuzi prezentati s' issa.

Rat il-verbal datat 26 ta' Jannar 2001.

Rat il-verbal datat 16 ta' Marzu 2001, fejn il-Perit Legali Dr. Peter Fenech informa lil Qorti li kien ikkunsidra l-bicca l-kbria tal-ilmenti tal-partijiet, izda kien hemm tnejn minnhom li ma sabux id-dokumenti relattivi u ghalhekk kien se jzomm seduta ghal dan l-iskop u kien ser jikteb lid-difensuri dwar dan.

Rat il-verbal datat 6 ta' Gunju 2001.

Rat il-verbal datat 27 ta' Gunju 2001, fejn il-Perit Legali Dr. Peter Fenech talab aktar zmien ghar-rapport. Dr. Peter Fenech informa lil Qorti li kienet inqalghet il-htiega ta' nomina ta' Perit Tekniku biex jivvaluta l-mobbli u dwar din il-htiega l-partijiet kienu jaqblu. Il-Qorti nominat lill-espert Alfred Camenzuli.

Rat il-verbal datat 16 ta' Novembru 2001.

Rat ir-rikors tal-attrici A, datat 12 ta' Dicembru 2001, a fol. 247, fejn talbet bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti sabiex joghgobha tiddeciedi din il-kwistjoni tal-proprjeta' immobbli u tordna li ssir stima reali taghha minn perit tekniku mahtur ghal dan l-iskop.

Rat id-digriet datat 21 ta' Dicembru 2001, fejn il-Qorti rriservat li tipprovdi ulterjorment dwar it-talbiet kollha tar-rikors u ordnat lill-esperti nominati jespletaw l-inkarigu ndikat fl-ahhar verbali. Ordnat ukoll li r-rikors jigi notifikat lill-kontro-parti u komunikat lil Dr. Peter Fenech u Dr. Pierre Lofaro.

Rat il-verbal datat 16 ta' Jannar 2002, Dr. Karmenu Mifsud Bonnici ghall-attrici b' referenza ghar-rikors taghha tat-12 ta' Dicembru 2001 iddikjara li l-vetturi msemmija fit-tieni parti tal-istess rikors, huma Peugeot 405 numru F-9005 u Skoda tal-kulur orangjo numru A-9567; dawn in-numri gew illum sostitwiti.

Rat il-verbal datat 23 ta' Jannar 2002, fejn Dr. Karmenu Mifsud Bonnici ghall-attrici tratta r-rikors tat-12 ta' Dicembru 2001. Dwar l-ewwel talba hu ghamel referenza ghall-kuntratt ta' separazzjoni konsenswali bejn Vince Bonnett vs Doris Bonnett li maghha qieghed jikkoabita l-konvenut fil-fond Evita House, Sqaq l-Imnieqa, fin-Naxxar minn fejn jidher illi ma hadet l-ebda beni immobbli w anqas oggetti prezzjuzi. Il-Qorti rriservat li tipprovdi kameralment.

Rat id-digriet datat 23 ta' Jannar 2002, il-Qorti laqghat l-ewwel talba w ordnat lil Perit Tekniku jaccedi wkoll fil-fond "Evita", Sqaq Imnieqa, Naxxar u jinkludi l-oggetti go fih mal-inkarigu li gja' ghandu. Laqghat it-tieni talba. Cahdet it-tliet talba peress li r-rikorrenti ddikjarat li dawn il-fondi gja gew stimati mill-Espert Tekniku ghalkemm hi ma taqbilx mal-valuri moghtija.

Rat il-verbal datat 26 ta' Marzu 2002, fejn Dr. Karmenu Mifsud Bonnici ghall-attrici nforma lil Qorti li *nonostante* l-verbal precedenti debitament komunikat, l-Espert Tekniku ma kienx acceda fuq il-fond. Il-Qorti, mill-gdid sollecat lill-istess Espert Tekniku jespleta l-inkarigu lilu moghti.

Rat il-verbali datati 10 ta' April 2002, 24 ta' April 2002, 8 ta' Mejju 2002 u 19 ta' Gunju 2002.

Rat il-verbal datat 26 ta' Gunju 2002, fejn il-Qorti giet infurmata li r-rapport tal-Espert Tekniku kien gie mhallas.

Rat il-verbal datat 12 ta' Lulju 2002, il-Qorti giet infurmata li r-rapport kien tlesta.

Rat il-verbal datat 8 ta' Ottubru 2002, fejn il-Perit Legali Dr. Peter Fenech informa lil Qorti li kien ghadu ma thallasx.

Rat ir-rikors tal-attrici datat 14 ta' Novembru 2002, a fol. 502 fejn talbet umilment lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tordna li ssir spartizzjoni ta' kontijiet bejnha u bejn il-konvenut, *tenendo in mente* l-ammonti li l-esponenti diga' hallset.

Rat ir-risposta ta' B datata 3 ta' Dicembru 2002, a fol. 503.

Rat il-verbal datat 19 ta' Novembru 2002, fejn il-konvenut kien ordnat jipprezenta r-reazzjoni tieghu ghar-rikors tal-attrici datat 14 ta' Novembru 2002.

Rat il-verbal datat 5 ta' Dicembru 2002, fejn Dr. Joseph Bonello ghall-attrici tratta r-rikors. Il-Qorti kkunsidrat li fid-dawl tal-ammonti sostanzjali li l-kontendenti jipposjedu ma jkunx opportun illi tvarja l-mod ta' pagament anki peress li tifhem illi l-element ta' pika bejn il-kondendenti huwa konsiderevoli. Ghaldaqstant il-Qorti cahdet it-talba.

Rat il-verbali datati 16 ta' Jannar 2003, 4 ta' Marzu 2003 u 5 ta' Mejju 2003.

Rat l-ordni tas-17 ta' Marzu 2003 fejn il-kawza giet trasferita quddiem din il-Qorti kif attwalment presjeduta.

Rat il-verbal datat 15 ta' Mejju 2003, fejn il-Perit Legali Dr. Peter Fenech informa lil Qorti li kien ghadu ma thallasx. Dr. Bonello ghall-attrici talab li l-ispejjez tal-Perit Legali jigu divizi bejn l-attrici u l-konvenut *stante* li l-ammont vingenti ta' circa elf u tmien mitt Lira Maltija (Lm 1,800). Il-Qorti cahdet it-talba.

Rat il-verbal datat 21 ta’ Ottubru 2003, fejn il-Perit Legali Dr. Peter Fenech halef ir-rapport.

Rat ir-rapport tal-Perit Legali Dr. Peter Fenech minn fol. 514 sa fol. 579.

Rat il-verbal datat 2 ta’ Dicembru 2003 Dr. Marco Ciliberti ghall-konvenut talab li jeskuti lill-Perit Legali. Il-Qorti nnotat li r-rapport tekniku kien ghadu mhux mahluf.

Rat il-verbal datat 13 ta’ Jannar 2004, fejn Dr. Bonello ghall-attrici nforma lil Qorti li se jipprezenta nota ta’ kritika ghar-rapport.

Rat il-verbal datat 25 ta’ Frar 2004.

Rat ir-rikors ta’ Dr. Marco Ciliberti datat 16 ta’ Marzu 2004 a fol. 589 fejn talab bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha tiddiferixxi din il-kawza ghal data ohra futura.

Rat id-digriet datat 18 ta’ Marzu 2004, a fol. 585 fejn il-Qorti rriservat li tipprovdi *seduta stante.*

Rat il-verbal datat 25 ta’ Marzu 2004, fejn il-Perit Tekniku Alfred Camenzuli halef ir-rapport.

Rat ir-rapport tal-Perit Tekniku minn fol. 587 sa fol. 597.

Rat il-verbal datat 17 ta’ Gunju 2004 fejn il-kawza giet differita ghas-sentenza ghall-24 ta’ Frar 2005, bil-fakolta’ li d-difensuri jaghmlu noti t’ osservazzjonijiet b’ terminu ta’ sittin (60) gurnata ghal kull parti. Il-Qorti cahdet kull talba ghal perit perizjuri.

Rat ir-rikors tal-attrici datat 24 ta’ Ottubru 2003, a fol. 600 fejn talbet bir-rispett li jigu nominati periti addizzjonali.

Rat id-digriet datat 27 ta’ Ottubru 2003, fejn il-Qorti orndat in-notifika lill-kontro-parti bi zmien jumejn ghar-risposta.

Rat id-digriet datat 17 ta’ Gunju 2004, fejn il-Qorti cahdet it-talba.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-attrici A, minn fol. 603 sa fol. 625.

Rat in-nota tal-konvenut B minn fol. 626 sa fol. 635.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat ix-xhieda kollha prodotta anke fil-kawza fl-ismijiet inversi.

Rat id-dokumenti kollha esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

### I) APPREZZAMENT TAL-PROVI PRODOTTI.

Illi l-attrici A talbet is-separazzjoni minn zewgha , fejn fost affarijiet ohra talbet :

a. separazzjoni personali kagun ta` htija tal-konvenut ;

b. l-applikazzjoni intera jew in parti tad-disposizzjonijiet tal-**artikoli 48 u 50 tal-Kodici Civili ;**

c. l-likwidazzjoni tal-kommunjoni tal-akkwisti ;

d. s-somministrazzjoni ghaliha tar-retta alimentarja .

Illi l-konvenut ippresenta nota ta` eccezzjonijiet u ppremetta li t-talbiet kellhom jigu respinti bl-ispejjes peress li kienet l-attrici r-raguni tad-disgwid matrimonjali tal-partijiet.

Illi dwar ir-raguni ta' separazzjoni din il-Qorti thoss li mill-provi prodotti gie konkludentement ippruvat li kien il-konvenut principarjament responsabbli ghall-firda personali ta' bejn il-partijiet u fil-fatt mill-provi prodotti jirrizulta li l-konvenut kien hati verso l-attrici ta' eccessi, sevizzi, inkluzi swat, mohqrija, ingurji gravi, abbandun u

adulterju li kawza ta' l-istess iz-zwieg bejn il-partijiet tkisser irremedjabilment, u ghalhekk jirrizulta li l-konvenut kien principarjament hati ghal din il-firda personali; fil-fatt wara li din il-Qorti ezaminat l-atti processwali kollha hija konvinta moralment li l-allegazzjonijiet kollha attrici fil-konfront ta' zewgha gew  kollha ppruvati inkluz dak li kien issawwat lill-attrici u mix-xhieda ta' l-istess attrici jirrizulta li dan ma kienux incidenti isolati, u s-sitwazzjoni baqghet l-istess sakemm il-konvenut abbanduna d-dar konjugali sabiex qabad relazzjoni adultera ma' certa Doris Bonett, ma' min l-istess konvenut mar jghix wara li telaq lill-attrici; gie wkoll ppruvat li l-konvenut ghamel diversi maniggi sabiex approprja ruhhu minn flus u oggetti tal-komunjoni ta' l-akkwisti, inkluzi zbank ta' flus, u wkoll bejgh ta' proprjeta' bla ma ta ebda sehem lill-attrici, u b'din is-sentenza din il-Qorti qed tittanta taddrizza l-istess sitwazzjoni; gie ukoll pruvat li l-istess konvenut ghamel minn kollox sabiex ibaxxi lill-attrici anke fil-konfront tal-familjari taghha u ta' uliedha stess, u ghalhekk din il-Qorti thoss li l-ewwel talba attrici ghandha tigi milqugha. Illi jirrizulta wkoll li l-allegazzjoniijiet tal-konvenut fil-konfront ta' l-attrici ma' gewx ippruvati ghas-sodisifazzjon ta' din il-Qorti ghalkemm certament li gie ippruvat li kien hemm inkompatibilita' ta' karattru bejn il-partijiet, li flimkien ma' l-agir abbuziz tal-konvenut fil-konfront ta' l-attrici, rrenda l-konvivenza bejn il-partijiet impossibbli.

Illi it-tieni talba attrici ghandha tigi wkoll milqugha fis-sens li ghandhom jigu applikati kontra l-konvenut id-disposizzjonijiet ta' l-**artikolu 48 tal-Kap 16** .

Illi dwar ix-xoljiment tal-komunjoni ta' l-akkwisti din gja sehhet fl-1 ta' Gunju 1999 in forza ta' kuntratt pubbliku fl-atti tan-Nutar Carmelo Mangion u ghalhekk din il-Qorti tikkonferma x-xoljiment tal-komunjoni ta' l-akkwisti b'effett mill-1 ta' Gunju 1999 (*vide fol.222* tal-process).

Illi kwantu ghall-likwidazzjoni u divizzjoni u assenjazzjoni tal-beni formanti parti mill-komunjoni ta' l-akkwisti din il-Qorti tinnota li parti sostanzjali mill-istess giet diviza u assenjata permezz ta' l-istess imsemmi kuntratt, u jonqos biss li jigi deciz l-assenjazzjoni tal-kumplament, li

dwarhom kull parti ghamlet is-sottomissijonijiet taghha, tant li jifformaw il-mertu ta' perizji u noti ta' kritika tal-partijiet u ghalhekk din il-Qorti sejra tikkonsidra l-istess f'din is-sentenza.

Illi fl-ewwel lok jinghad li dwar il-punti CB11, CB12, CB13, EB29, din il-Qorti taqbel mal-konkuzzjonijiet peritali u qed taddotta l-istess inkluz li tali punti u oggetti huma koperti bil-ftehim indikat mill-istess perit legali u l-partijiet irrinzjaw ghal kull dritt spettanti lilhom fuq l-istess.

Illi fit-tieni lok dwar il-punti indikati fil-paragrafi 15, 16, 17, 18, 19, u 20, dawn ilkoll qed jigu michuda *stante* nuqqas ta' provi u wkoll huma infondati fil-fatt u fid-dritt – hafna minnhom fil-fatt juru b'mod car l-pika estrema ezistenti bejn il-partijiet.

Illi fit-tielet lok dwar il-likwidazzjoni u d-divizjoni ta' l-oggetti kollha appartenenti lill-komunjoni ta' l-akkwisti din il-Qorti, wara li hadhet in konsiderazzjoni l-provi kollha sottomessi mill-partijiet, r-rapport peritali u n-noti ta' kritika ta' l-istess rapport, tiddeciedi li l-kumplament tal-komunjoni ta' l-akkwisti li ghada ezistenti bejn il-partijiet ghandhom jigu divizi bl-mod segwenti:-

(a) Illi it-tmien t'elef (8,000) sehem tal-Mid Med Bank ghandhom jinqasmu bejn il-partijiet, flimkien mad-dividendi kollha li aggrixxew fuq l-istess ishma sad-data tad-divizjoni effettiva.

(b) Illi l-partijiet ghandhom ukoll jaqsmu ugwalment bejniethom l-ammont ta' Lm1,000 depositati fl-Bank of Valletta plc.

**(c)** Illi l-poloz kollha ta' asikurazzjoni indikati mill-perit legali u anke msemmija mill-konvenut a fol. 639 tal-process Citaz. Numru 414/20 ghandhom ukoll jigu lkoll likwidati u r-rikavat jinqassam bejn iz-zewg partijiet. (CB7).

**(d)** Illi l-attrici qed tigi assenjata l-mobbli u l-ghamara kollha ezistenti fid-dar konjugali "l-Orangerie", Triq l-Uqija, ta' l-Ibragg, kif deskritti fir-rapport tekniku ta' Alfred

Camenzuli, u dan kif determinat wkoll mill-istess Perit Legali Dr. Peter Fenech, u din il-Qorti taddotta bhala taghha r-ragonament moghti mill-istess perit legali sabiex wassal ghal din il-konkuzzjoni b’dan li l-istess konvenut ghandhu jigi kkompensat bl-ammont ta’ erba’ t’elef lira Maltija (Lm4,000) li ghandhom jigu mhallsa lilhu mill-attrici u wkoll l-attrici ghandha tikkonsenja lill-konvenut tlett vazuni kbar hemm indikati. Ghall fini ta’ pratticita’ dan l-ammont ser jigi mnaqqas mill-ammont ikbar li l-istess konvenut qed jigi kkundannat li jaghti lill-attrici abbazi ta’ paragrafu (g) ta’ din is-sentenza.

(e) Illi l-konvenut qed jigi assenjat l-mobbli kollha ezistenti fil-fond “Evita”, Sqaq Imnieqa, Naxxar, kollox kif deskritt mill-istess perit tekniku fl-imsemmi rapport tieghu w ukoll abbazi tar-ragonamenti maghmula mill-perit legali, li f’dan il-kaz din il-Qorti qieghda wkoll taddotta.

(f) Illi l-attrici qed tigi assenjata l-vettura Peugut  205 Reg. No. IAW – 098, filwaqt li l-konvenut qed jigi assenjat l-vettura Reg. NO. CAS – 287, liema karozzi gja jinsabu fil-pussess rispettiv ta’ kull parti; il-karozza tal-marka Morris ghandha tinbiegh u r-rikavat jinqassam bejn il-partijiet f’porzjonijiet ugwali bejniethom.

(g) Illi l-konvenut ghandu jhallas lill-attrici s-somma ta’ Lm5,356.50 rappresentanti nofs l-ammont tas-somma ta’ Lm10,731 li l-konvenut jammetti li zbanka meta telaq mid-dar konjugali, u ghalhekk din il-Qorti qed taccetta s-sottomissjonijiet ta’ l-attrici f’dan ir-rigward u qed tirrigetta r-raggonament tal-perit legali f’dan ir-rigward; ma hemm l-ebda dubju li dawn kienu fondi tal-komunjoni li gew utilizzati biss mill-konvenut u l-attrici ghandha tigi kkompensata ghall-istess. Peress li l-attrici ghandha taghti lill-konvenut l-ammont ta’ Lm4,000 kif indikat f’paragrafu (d) hawn indikat, jirrizulta li l-konvenut ghandu jhallas lill-attrici l-ammont ta’ Lm1,356.50.

(h) Illi il-kreditu tal-konvenut kontra certu Joseph Doublesin skond skrittura ta’ kostituzzjoni ta’ debitu datata 8 ta’ Marzu 1990 u li huwa insinwat fl-ammont ta’

Lm16,000 ghandu jinqassam bejn il-partijiet kemm f'dak li huwa kapital u kemm f'dawk li huma interessi.

(i) Illi d-dejn kollu dovut lill-Kummissarju tat-Taxxi Interni bhala taxxa ghandhom jithallsu bin-nofs bejn il-partijiet kif gie indikat mill-istess perit legali fir-relazzjoni tieghu.

(j) Illi tordna lill-konvenut sabiex ihallas lill-attrici s-somma ta' sbatax il-elf, u hamsin lira Maltija (Lm17,050) rappresentanti sehem l-attrici mill-proprjetajiet li l-konvenut biegh lil terzi u li huwa wahdu inkassi l-prezz taghhom u liema proprjetajiet gew indikati mill-perit legali f'paragrafu 26 tar-relazzjoni tieghu, u din il-Qorti taddota r-ragonament tal-perit legali f'dan ir-rigward.

(k) Illi kull dejn intavolat dovut lill-Vincent u Alfred Borg qed jigu assenjati esklussivament lill-konvenut, li in verita' amministra huwa dejjem l-istess; filwaqt li kull dejn dovut lill-Ministeru ta' l-Ambjent kif indikat f'paragrafu 28 tar-relazzjoni peritali ghandu jinqassam bin-nofs bejn il-partijiet.

(l) Illi l-konvenut ghandu jhallas l-ammont ta' cens indikat fir-relazzjoni peritali b'effett minn Ottubru 1991 sad-data tas-sentenza bir-rata ta' Lm100 fis-sena u dan skond kif indikat f'paragrafu wiehed tar-relazzjoni peritali u kif issottomettiet l-attrici f'ahhar paragrafu tal-faccata numru 13 tar-relazzjoni attrici.

(m) kull pensjoni dovuta mill-konvenut ghandha tinqassam bin-nofs bejn il-partijiet b'dan li nofs l-istess pensjoni u allura kull pensjoni li tithallas lill-konvenut ghandha tithallas lill-attrici u allura ghandha tinbaghat direttament lilha u ghalhekk ghal dan l-iskop kopja ta' din is-sentenza ghandha tigi notifikata lill-persuni u entitajiet li johorgu tali pensjoni sabiex jaderixxu ruhhom ma' l-istess.

(n) Illi l-konvenut ghandu jhallas ukoll l-ammont ta' elfejn, tmien mija u hamsin lira Maltija (Lm2,850) rappresentanti arretrati ta' manteniment kif ikkalkulati mill-perit legali f'paragrafu 3 tar-relazzjoni tieghu, b'dan li s-

sottomissjonijet ta’ kull parti qed jigu rigettati minn din il-Qorti.

(o) Illi l-konvenut ghandu wkoll ihallas lill-attrici l-ammont ulterjuri ta’ tlett elef, tmien mija u disgha u hamsin lira Maltija (Lm3,859) rappresentanti sehma mis-somma kapitalizzata ta’ pensjoni li l-konvenut ircieva, kollox abbazi ta’ dak indikat mill-bravu perit legali fir-relazzjoni peritali tieghu f’paragrafu 4 ta’ l-istess relazzjoni.

**III. KONKLUZJONI.**

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta’ u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenut in kwantu l-istess huma inkompetenti ma’ dak hawn deciz, **u filwaqt li tichad ir-raba’ talba’ *stante* li l-attrici rrunzjat ghall-istess permezz tal-kuntratt datat l-1 ta’ Gunju 1999 fl-atti tan-Nutar Carmelo Mangion, tilqa’ t-talbiet attrici l-ohra biss fis-sens hawn premess** b’dan illi:-

1. Tippronunzja bejn il-kontendenti s-separazzjoni personali minhabba htijiet tal-konvenut u tiddikjara li l-istess konvenut kien hati *verso* l-attrici ta’ eccessi, sevizzi, inkluzi swat, mohqrija, ingurji gravi, abbandun u adulterju li kawza ta’ l-istess iz-zwieg bejn il-partijiet tkisser irremedjabilment, u ghalhekk jirrizulta li l-konvenut kien principarjament hati ghal din il-firda personali; tiddikjara wkoll li minhabba dan l-agir tal-konvenut u minhabba l-inkompatibilita’ ta’ karattru l-hajja konjugali ta’ bejn il-partijiet ma’ ghadhiex aktar possibbli;

2. Tilqa’ din it-talba u tapplika interament d-disposizzjonijiet taht l-**artikolu 48 u 50 tal-Kodici Civili** in kwantu applikabbli ghall-kaz kontra l-istess konvenut;

3. Tilqa’ din it-talba u tiddikjara xolta l-komunjoni ta’ l-akkwisti ta’ bejn il-partijiet u dan b’effett mill-1 ta’ Gunju 1999 u dan anke permezz ta’ kuntratt pubbliku ta’ l-istess data pubblikat minn Nutar Carmelo Mangion, u tillikwida r-rimanti assi tal-komunjoni tal-akkwisti li kienet ezistenti bejn il-konjugi u tiddividi u tassenja l-istess skond kif indikat f’din is-sentenza b’dan illi tordna u tiddeciedi:-

(a) Illi it-tmint elef (8,000) sehem tal-Mid Med Bank ghandhom jinqasmu bejn il-partijiet, flimkien mad-dividendi kollha li aggrixxew fuq l-istess ishma sad-data tad-divizjoni effettiva;

(b) Illi l-partijiet ghandhom ukoll jaqsmu ugwalment bejniethom l-ammont ta' elf Lira Maltija (Lm1,000) depositati fl-Bank of Valletta plc;

(c) Illi l-poloz kollha ta' asikurazzjoni indikati mill-perit legali w anke msemmija mill-konvenut a fol. 639 tal-process Citaz. Numru 414/20 ghandhom ukoll jigu lkoll likwidati u r-rikavat jinqassam bejn iz-zewg partijiet (CB7);

(d) Illi l-mara A qed tigi assenjata l-mobbli u l-ghamara kollha ezistenti fid-dar konjugali "l-Orangerie", Triq l-Uqija, ta' l-Ibragg, kif deskritti fir-rapport tekniku ta' Alfred Camenzuli, u dan kif determinat ukoll mill-istess Perit Legali Dr. Peter Fenech, b'dan li B ghandu jigi kkompensat bl-ammont ta' erba' t'elef lira Maltija (Lm4,000) li ghandhom jigu mhallsa lilu minn martu u wkoll l-istess A ghandha tikkonsenja lill-zewgha tlett vazuni kbar hemm indikati. Ghall-fini ta' pratticita' dan l-ammont ser jigi mnaqqas mill-ammont ikbar li l-istess B qed jigi kkundannat li jaghti lill-martu abbazi ta' paragrafu (g) ta' din is-sentenza;

(e) Illi B qed jigi assenjat l-mobbli kollha ezistenti fil-fond "Evita", Sqaq Imnieqa, Naxxar, kollox kif deskritt mill-istess perit tekniku fl-imsemmi rapport tieghu w ukoll abbazi tar-ragonamenti maghmula mill-perit legali, li f'dan il-kaz din il-Qorti qieghda wkoll taddotta;

(f) Illi A qed tigi assenjata l-vettura Peugeot 205 Reg. No. IAW – 098, filwaqt li B qed jigi assenjat l-vettura Reg. NO. CAS – 287, liema karozzi gja jinsabu fil-pussess rispettiv ta' kull parti; il-karozza tal-marka Morris ghandha tinbiegh u r-rikavat jinqassam bejn il-partijiet f'porzjonijiet ugwali bejniethom;

(g) Illi B ghandu jhallas lil A s-somma ulterjuri ta' hamest elef, tlett mija, sitta u hamsin Lira Maltija u hamsin centezmu (Lm5,356.50) rappresentanti nofs l-ammont tas-somma ta' ghaxart elef, seba' mija, wiehed u tlettin Lira Maltija (Lm10,731) li r-ragel jammetti li zbanka meta telaq mid-dar konjugali. Peress li A ghandha taghti lil zewgha l-ammont ta' erbat elef Lira Maltija (Lm4,000) kif indikat f'paragrafu (d) jirrizulta li B ghandu jhallas lil martu l-ammont ta' elf, tlett mija, sitta u hamsin lira Maltija u hamsin centezmu (Lm1,356.50);

(h) Illi il-kreditu ta' B kontra certu Joseph Doublesin skond skrittura ta' kostituzzjoni ta' debitu datata 8 ta' Marzu 1990 u li huwa insinwat fl-ammont ta' sittax-il elef Lira Maltija (Lm16,000) ghandu jinqassam bejn il-partijiet kemm f'dak li huwa kapital u kemm f'dawk li huma interessi;

(i) Illi d-dejn kollu dovut lill-Kummissarju tat-Taxxi Interni bhala taxxa ghandhom jithallsu bin-nofs bejn il-partijiet kif gie indikat mill-istess perit legali fir-relazzjoni tieghu;

(j) Illi tordna lil B sabiex ihallas lil A s-somma ulterjuri ta' sbatax il-elf, u hamsin lira Maltija (Lm17,050) rappresentanti sehem A mill-proprjetajiet li B biegh lil terzi u li huwa wahdu inkassa l-prezz taghhom u liema proprjetajiet gew indikati mill-perit legali f'paragrafu 26 tar-relazzjoni tieghu, u din il-Qorti taddota r-ragonament tal-perit legali f'dan ir-rigward;

(k) Illi kull dejn intavoltat dovut lil Vincent u Alfred Borg qed jigu assenjati esklussivament lil B, li in verita' amministra huwa dejjem l-istess; filwaqt li kull dejn dovut lill-Ministeru ta' l-Ambjent kif indikat f'paragrafu 28 tar-relazzjoni peritali ghandu jinqassam bin-nofs bejn il-partijiet;

(l) Illi B ghandu jhallas l-ammont ta' cens indikat fir-relazzjoni peritali b'effett minn Ottubru 1991 sad-data tas-sentenza bir-rata ta' Lm100 fis-sena u dan skond kif indikat f'paragrafu wiehed tar-relazzjoni peritali;

(m) kull pensjoni dovuta lil B ghandha tinqassam bin-nofs bejn il-partijiet b'dan li nofs l-istess pensjoni u allura kull pensjoni li tithallas lil B ghandha tithallas lil A u allura ghandha tinbaghat direttament lilha u ghalhekk ghal dan iskop kopja ta' din is-sentenza ghandha tigi notifikata lill-persuni u entitajiet li johorgu tali pensjoni sabiex jaderixxu ruhhom ma' l-istess;

(n) Illi B ghandu jhallas ukoll l-ammont ulterjuri ta' elfejn, tmien mija u hamsin lira Maltija (Lm2,850) rappresentanti arretrati ta' manteniment kif ikkalkulati mill-perit legali f'paragrafu 3 tar-relazzjoni tieghu, b'dan li s-sottomissjonijet ta' kull parti qed jigu rigettati minn din il-Qorti;

(o) Illi fl-ahharnett B ghandu wkoll ihallas lil martu l-ammont ulterjuri ta' tlett elef, tmien mija u disgha u hamsin lira Maltija (Lm3,859) rappresentanti sehma mis-somma kapitalizzata ta' pensjoni li huwa rcieva, kollox abbazi ta' dak indikat mill-bravu perit legali fir-relazzjoni peritali tieghu f'paragrafu 4 ta' l-istess relazzjoni;

4. Tichad din it-talba.

Bl-ispejjez tal-kawza ghandhom jibqghu a karigu tal-konvenut.

Illi *inoltre* minhabba li l-partijiet abbuzaw mill-proceduri quddiem din il-Qorti u dan huwa rifless kemm mill-mod li l-partijiet resqu l-provi taghhom u kif il-partijiet irregolaw il-gbir tal-provi u kif ukoll minhabba n-nuqqas ta' kull parti f'din il-kawza li tressaq il-provi taghha fi zmien ragonevoli u fit-termini ndikati mill-Qorti, tant li jirrizulta mill-verbali quddiem il-Qorti diversament presjeduta, u kif anke mis-seduti mizmuma quddiem dak li kienet il-Perit Legali, li nzammu diversi seduti izda provi ma tressqux mill-partijiet, b'dan li jirrizulta bla ebda dubju li z-zewg partijiet tawlu l-proceduri bla bzonn anke minhabba l-pika esegerata taghhom, u fil-fatt din il-kawza qed tinqata' biss illum wara kwazi tlettax-il (13) sena u ghalhekk din il-Qorti b'applikazzjoni tal-**paragrafu 10 tal-Iskeda "A" tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta** tordna lil kull parti thallas is-

somma ta’ elf lira Maltija (Lm1,000) bhala spejjez addizzjonali fir-Registru tal-Qorti, liema hlasijet ghandhom isiru minn kull parti fi zmien tlettin (30) gurnata mid-data ta’ din is-sentenza.

**Moqrija**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------